***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 20**

**It-Tnejn 11 ta' Jannar 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**
Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Mario Calleja- Sindku  Janice Falzon-Viċi Sindku Kunsilliera- John B Camilleri, Charlot Mifsud, Patrick Camilleri, Mary Rose Mifsud, Ryan Portelli, John Schembri, Errol Cutajar.**

20.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

20.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 19 li saret Nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2020:***

20.2.1 **Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

20.2.2 **Matters arising:**

20.2.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 19.2.3 jekk il-kuntrattur hux ser ilaħħaq mat-time frame li għandu sabiex ilesti il-bini tal-Kunsill għaliex għalkemm ix-xogħol tkompla kien hemm zmien twil illi ma kien qed isir xejn.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu bgħat ittra lill-Kuntrattur fejn infurmah illi ix-xogħol irid jitkompla sabiex inleħħqu mat timeframe għaliex inkella ser ikun hemm multi u l-Kunsill mhux ser ikollu post fejn ikun jista jopera.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi x-xogħol tkompla bil-bidu tas-sena.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandhom sa l-aħħar ta' Frar sabiex jitlesta x-xogħol għalkemm il-Kunsill daħħal xi emendi zgħar xorta waħda ma jħossx li ziednilhom xi ħafna xogħol. Kompla jgħid illi l-board qed jiltaqa kull ġimgħa sabiex jevalwa t-tender tal-*finishings* u miexi ix-xogħol

20.2.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 19.3.2 hu qal illi fl-aħħar laqgħa l-Kunsill kien qabel illi dan is-sotto kumitat ta riġenerazzjoni għandu jieqaf milli jagħmel laqgħat ma entitajiet sakemm tittieħed deċizjoni fuq way forward pero hu għandu informazzjoni illi membru min dan is-sotto kumitat għamel laqgħa ma l-Għaqda Baħħara u Sajjieda f'isem is-sotto kumitat u jaħseb li dan ma ta l-ebda kaz ta' x'kienet id-deċizjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi min naħa tiegħu ma jafx b'din il-laqgħa u lanqas ma attenda għal ebda laqgħa hekk kif kien miftiehem pero bħala sotto kumitat ma jistawx jieħdu l-ebda deċizjoni qabel ma jkun jaf u jiddeċiedi il-Kunsill għalhekk iħoss li ħadd mill-Kunsilliera m'għandu jkun inkwetat fuq dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li s-Sindku jinforma s-sotto Kumitat bid-decizjoni li ħa l-Kunsill.

Is-Sindku qal illi min-naħa tiegħu kien għadu ma qalilhomx x'kienet id-deċizjoni tal-Kunsill anke minħabba l-fatt li kien zmien il-festi pero` min naħa tiegħu ser jiċċara miegħu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fl-aħħar laqgħa l-Kunsill qabel illi noħorġu terms of reference u min naħa tagħha hi preparathom għaddiethom lill-Kunsillier Dr. Errol Cutajar fil-vesti ta' avukat biex jara li kienu konformi ma dak li tirrikjedi l-liġi u jiġu diskussi mbgħad mil-Kunsill.

Is-Sindku qal illi tajjeb li kulħadd ikun ra dawn it-terms of references u nistudjawhom tajjeb qabel ma jigu diskussi u joħorgu uffiċjali.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kif qiegħed is-Sotto Kumitat bħalissa ma jistax jopera ma dawn it-terms of reference u fid-dokument li għandha jispjega aħjar dan.

Kien hemm qbil illi l-Kunsilliera u s-Sindku jaraw sew it-terms of reference qabel tittieħed deċizjoni.

20.2.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 6 artiklu 19.3.2.7 fejn qal illi fl-aħħar laqgħa is-Sindku qal illi għandha tinħareġ expression of interest hu jaqbel magħha u li għandna niddiskutu way forward.

Is-sindku qal illi expresion of interest hija mod tajjeb ta kif tista tottjeni ħafna idejat min individwi oħra.

20.2.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 8 artikli 19.7.5 u 19.7.7 fejn qal illi meta hu jibda jitkellem fuq il-ħofor li jkollna fil-Lokali apparti l-fatt li jibda jilmenta sabiex ix-xogħol isir hu jkun qed jantiċipa li ħa jibda jkollna claims ta' ħsarat . Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandna noqgħodu attenti għax għalkemm vera li jkunu daħlu f'ħofra hemm ukoll il-kwistjoni jekk it-tyre tal-vetturi ikunx minfuħ sew għaliex jekk le bilfors illi kif isibu skoss jew ħofra ser iġarbu ħsarat u ħafna min dawn il-ħsarat isiru fuq r-rim propju għaliex ityre ma jkunx minfuħ sew.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi problema oħra hi li 70% tal-claims li jkollna t-tyre ikun low profile u ghalhekk faċli li jinqasam it-tyre.

20.3 ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

20.3.1 **<u>Kumpens għad-danni fi Triq id-Daħla ta' San Tumas (35/0029/21/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta klejm ta' persuna li sofriet danni fil-vettura tagħha fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Is-Sur John B Camilleri qal illi dan sar quddiem l-Ambica u jekk hemm xi ħofra tajjeb li din issir.

Is-Segretarju qal illi sar tarmac pero reġgħa inqalat bix-xita u ser terġa issir din il-Ġimgħa.

Il-Kunsill qabel illi ngħatu 70% tal-kont li ġie ipprezentat.

20.3.2 **<u>Xogħol fi Triq tal-Gardiel:</u>**

Is-Sindku qal illi ser jibda x-xogħol min Infrastructure Malta fi Triq tal-Gardiel sa kwazi id-Daħla ta' San Tumas, fejn ser isir skavar biex jinbidel drenaġġ u ilma.

20.3.3 **<u>Ħsarat fuq zebara crossings:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ftit taz-zmien ilu bgħat jinforma lill-Kunsill illi zebra crossing li għandha l-panella maqgħlua għadha ma twaħħlitx u ma jistax ikun ghaliex hemm arblu ieħor li sparixxa u irriduh lura u l-oħra imwaħħal imma għanda l-panella mdendla u qiegħda ta` periklu l-arblu li hemm maz-zebra crossing.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kuntrattur huwa Smart Light.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-kuntrattur huwa Smart Light pero` għandna nibagħtu lil Infrastructure Malta għal ħsarat li saru min naħa taghhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi d-dawl tal-LED li twaħħlu ħdejn il-BOV mhumiex jaħdmu u allaħares ikun hemm inċident fuq zebra crossing li ma tkunx imdawla tajjeb matul il-lejl. Staqsa jekk jistax neqilbu din il-crossing għal dawl mil-Enemalta

John qal illi xħin irridu nistgħu neqilbu fuq sistema konvenzjonali minflok LED's hu qal illi għandna l-kuntrattur tal-Gvern li jista jagħmel ix-xogħol, hu qal illi mhijiex problema biex neqilbu pero ta Triq il-Qaliet ma jidirlux li hemm supply.

Kien hemm qbil illi nibgħatu lill Smart light għal zebra crossing ta  Triq il-Qaliet u minħabba dik tal-Pjazza nkellmu lill MSD.

20.3.4 **New Council Office proposal (35/00013/21/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bgħatilna l-inġineer ikkonferma illi ser izomm il-prezz ta Eur4400 u l-lift huwa inkluz.

Kien hemm qbil illi naħdmu miegħu.

20.3.5 **Ilmenti u suġġerimenti min residenti (35/0042/21/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi rċivejna suġġeriment mingħand resident għaliex qed jilmenta li ma hemmx zebra crossing imkien min ħdejn il-BOV u l-għassa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fi Triq San Ġwakkin u Triq Santa Tereza ma hemm imkien min fejn taqsam hekk qed jgħid dan ir-resident .

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal lanqas fi Triq La Sengle ma hemm.

Is-Sindku qal illi jekk ser nagħmlu zebra crossing fit-triq id-dwal iteptpu ser idejqu lin-nies.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ewwel irridu nitolbu għaliha.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi d-decizzjoni finali imbagħad tkun ta TM.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jaħseb li tkun tajjba jekk ssir ħdejn il-kazin tal-labour.

Is-Sindku qal illi hemm mhux Triq la sengle.

Il-Kunsillier is-Sur John qal illi ma jimpurtax anke jekk issir f'kull triq.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għandna nzommu f'moħħna illi kull zebra crossing li issir trid tnaqqas diversi parkeġġi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li issir ħdejn il-muzew.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk issir hemm ma nitilfux parkeġġi.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal jekk nissuġerixxu li issir iz-zebra crossing fuq il-hump ezistenti fi Triq La Sengle  fejn hekk ma nkunux qed nieħdu parkeġġi.

Is-Sindku qal titlef biss parkeġġ wieħed.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi minħabba it-teptip tad-dawl hemm xi arranġamenti li jistu jsiru biex ma jdejjqux lir-residenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jaħseb li ser ikun hemm min jilmenta għax jintilef parkeġġ wieħed.

Kien hemm qbil li nibatu TM bis-suggeriment li jsir zebra crossing fuq il hump ezistenti fi Triq La Sengle.

Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-ilment l-ieħor f'din il-korrispondenza fejn din ir-residenta qed tgħid illi hemm plot vojta fejn fiha qed jintrema ħafna skart u qed ikun hemm il-ġrieden.

Is-Sindku qal illi la darba hija plot privata l-Kunsill ma jistax jidħol inaddafa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi la darba din ir-residenta tkun taf min hu s-sid ta' dan il-plot tgħaddilna l-informazzjoni.

20.3.6 **<u>Follow up – Sotto Kumitat tar-riġenerazzjoni (35/0071/21/I):</u>**

Is-Sindku qal illi rċivejna ittra minn Grupp ta' Residenti fejn taw l-punti tagħhom rigward s-Sotto Kumitat tar-riġenerazzjoni, hu qal illi ser jaqra l-ittra lill-Kunsilliera qabel ma jibgħat ir-risposta tiegħu:

- Naħseb ikun opportun jekk ikunu nvoluti il-Perit John Schembri membru fil-Kunsill flimkien mal-Perit tal-Kunsill Audrey Attard. Zewg mħuħ aħjar minn wieħed.
- Naqblu wkoll li minn hu nteressat fost il-Kunsilliera għandu jifforma parti minn dan is-sotto kumitat. B`hekk ikun hemm izjed fiduċja, trasparenza u jkun jista jitneħħa kull dubju.
- Membri ta' dan is-sotto kumitat għamlu numru ta` laqgħat anke ma Kunsilliera fuq il-proġett tal-pjazza u anke inataw disinni proposti.
- Kien hemm laqgħat individwali mill-membri tas-sotto kumitat mall-Viċi Sindku Janice Falzon il-Kunsillier Patrick Camilleri, kif ukoll il-Kunsillier John Baptist Camilleri. Dawn zgur saru b`intenzjoni paċifika.
- Fid-dawl ta' dan kollu, kellha ssir laqgħa mall-Perit tal-Kunsill, u li kienu diġa saru il-kuntatti biex it-tali disinni jingħataw lil Perit tal-Kunsill biex jikkordina mall-Kunsill Lokali, u jekk isir qbil, il-Perit għandu jikkrea id-disinni kif maqbul mill-Kunsill biex japplikaw għal permessi mall-PA.
- Dawn il-laqgħat saru kif diġa spjegajt f'sens tajjeb biex naraw biss il-possibilitajiet ta' għajnuna u/jew interess ta' xi forma ta' tisbieħ u/jew proġetti min entitajiet governattivi fosthom Infrastructure Malta u MTA.
- Naqblu dawn it-termini ta` referenza għandhom isiru u fil-fatt ġew diskussi fl-aħħar laqgħa. Il-kumitat iltaqa biss 3 darbiet minn meta ġie appuntat. Ġew diskussi numru ta' temi imma xejn konkret.
- Il-pjazza kienet diskussa biex tissebbaħ iz-zona u biex wieħed jara minn fejn nistgħu nakkwistaw fondi u għajnuna minħabba li l-Kunsill Lokali ma kellux dawn ir-rizorsi. Minn naħa tagħna apparti l-pjazza u x- xatt kollu izjed konna prejokkupati kif ser tissolva il-problema ta`meta jfur il-baħar sajf u xitwa u kif ser noħolqu abjent isbaħ quddiem in-negozji tagħna max-xatt. Jekk wieħed iħares id-dizastru flimkien mal-illegalitajiet li għandna quddiem l-istabbilimenti tal-ikel u xorb tagħna zgur li jifhem li hemm bzonn isir proġett holistiku minn Pjazza Dun Tarċiz sa Pjazza Mifsud Bonnici.

- L-għan ta` dan is-Sotto Kumitat qiegħed biex jagħti pariri u ideat lil Kunsill u forsi jiffaċilita r-risorzi li hemm bzonn. il-Kunsill huwa rapprezentat mis-Sindku fl-istess kumitat u li jagħti l-informazzjoni lil Kunsill meta jrid u meta joġhġbu. Fil-fatt kull meta saru laqgħat ittieħdu l-minuti u għaddew quddiem il-Kunsill. Id-deċizjonijiet jeħodhom il-Kunsill u mhux is-sotto kumitat jekk bl-għaqal u l-kuntatti jirnexxilna nakkwistaw il-fondi, huwa l-Kunsill li jiddeċiedi jekk u kif jagħmel uzu minnhom u jmexxi l-quddiem dawn il-proġetti. Jekk jagħzel lil le, allura l-fondi mit-tali entitatijiet imorru fi proġetti oħrajn. Dawn il-fondi huma simili tal-fondi tal-izvilupp. Dan ma jsirux f`dan il-Kunsill biss izda tista tgħid minn kull Sindku ta` kull Lokal.

- Dik l-idea kienet u hija fi stadju ta proposta. Ma jfissirx li ser isir hekk. Fil-fatt il-Kunsill għandu l-ħsieb li joħroġ sejħa għall-espressjoni ta` nteress biex ikollna ħafna aktar proposti. Min wassal il-messaġġ hekk kien zbaljat bil-kbir. Huwa il-Kunsill li irid jiddeċiedi fuq dan u jekk jaqbel mall-proġett għandu jikkuntrattja lil Perit tal-Kunsill biex jagħmel il-pjanti uffiċjali, japplika għal Permess il-PA. Il-PA minn naħa l-oħra huwa fl-obligu legali tagħha li tagħmel kosultazzjoni pubblika u hawn hekk jidħol il-grupp tar-residenti biex jipparteċipa.

- Is-Sotto Kumitat msemmi, permezz tac-Chairperson tiegħu u anke Sindku għamlu l-kuntatti neċessarji biex jesploraw jekk jistax jinsabu u jiġu assikurati fondi biex tali proġetti isiru, inkluz ideat ta proġetti oħra bħar-railing ġdid ta` Triq iz-Zonqor, Railing fil-fajtata, inbiddlu l-istrutturi tal-Konkos fi Triq ix-xatt, simenta San Tumas ħalli nissistimizzaw il-karrijiet u dgħajjes il-Bajja ta` San Tumas, laqgħa tarmak il-ġewwa San Tumas kif ukoll latrina li tant ilha mistennija. Fl-opinjoni tiegħi dan huwa kollu ġid komuni u nemmen li dan is-sotto kumitat huwa rizorza ohra biex jissebbaħ dan il-lokal tagħna.

- Dawn l-ahhar snin il-Kunsill ħadem id f'id mal-Għaqda baħħara, sajjieda u dilettanti. Anqas biss m'għandu jgħaddi minn moħħ xi ħadd li wieħed ifixkilhom jew imiss xi ħaġa minn dak dovut lejhom. L-idea li s-simenta tiġi kklerjata sempliċiment biex issir aktar strutturata għal-attivitaijiet tal-organizzazjonijiet/ għaqdiet f' Mskala u tikkomplimenta mal-kumplament tat-tisbieħ tal-Pjazza u xatt u dan dejjem wara konsultazzjoni mal-għaqda. Jekk allura ma tridux dan li jsir, mela kollox jibqa l-istess, kulħadd ferħan bit-telqa u dizastru li ninsabu fih. Nerġa ntenni l-akbar problema hija meta jfur il-baħar. Huwa ovvju li biex tiġġenera trid tagħhmel certu tibdiliet.

- Nerġa nisħaq li s-Sotto Kumitat m' għandu l-ebda seta' ezekuttiva biex jimplimenta proġetti bħal dawn. Huwa l-Kunsill Lokali li jiddeċiedi li jesegwixxi dak li forsi l-istess kumitat ikun diġa witta t-triq għalih.

- Xi ħaġa pozittiva mmenss u ta` kuraġġ hija li ħareġ ċar li din mhux kwistjoni xi kruċjata kontra l-individwi membri tas-sotto Kumitat. Ma hemm l-ebda għaġla. Pass wara pass naslu. Fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa kif dejjem ngħidu.

Is-Sindku qal illi min naħa tiegħu, qed jirrispondi hu u mhux is-Segretarju, għax ħass li hu involut fiha aktar u jista jirrispondi aħjar. Hu qal illi jidher li din l-email turi rieda tajba u li irridu li naslu. Nafu li Marsaskala hemm dizastru bħalissa u la feġġ xaqq ta dawl minn naħa tal-Gvern li jrid itina investiment u dan wara li għajjejna nisimgħu li Marsaskala huwa minsi u li qatt ma sar xejn, issa huwa iz-zmien opportun li naħtfu l-okkazzjoni. Kompla jgħid illi bħala Sindku qed jgħamel bħal ma jagħmlu Sindki oħra li jipprova jattira fondi lejn il Lokal tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jħoss li d-diskors tas-Sindku jgħati x'jifhem li kollox għaddej ħarir u hu jħoss li mhux qed jaraw l-istess rejalta hu qal li għadu kif qal li hemm individwu min sotto kumitat mar jiltaqa minn wara dar il-Kunsill mal ghaqda baħħara u sajjieda dan l-individwu qed jagħmel proġett fil pjazza, hu qal illi importanti li niktbu ittra lil dan il-persuna biex jieqaf ghaliex dan m'għandu l-ebda awtorita`.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma daħalx fiha din u bħala individwu hu ma għamel xejn illegali.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi mar jiltaqa minn wara dahar il-Kunsill.

Is-Sindku baqa jsostni li dan l-individwu ħadd ma hu sidu li jkellem lill xi ħadd izda zgur li mhux f`isem is-Sotto Kumitat u illi hu min naħa tiegħu ser ikellem lil dan l-individwu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fil-fehma tagħha l-Kunsill qabel li noħorġu sejħa għal expression of interest izda dan huwa kunflitt ta interess li persuna min dan is-sotto kumitat li ħa titfa proposta għal pjan ħolistiku f'Marsaskala u hi qalet li din il-persuna m'għandix tkun parti minn dan is-sotto kumitat u jkun jista jitfa l-proposta tiegħu bħal ħaddieħor u hekk ma jkunx hemm kunflitt ta' interess.

Sindku qal illi l-expression of interest tkun miftuħa għal kuntratturi diversi fejn ikunu jistghu jitfgħu proposti tagħhom u jekk dan jitfa proposta ma jfissirx li l-proposta ta' dan hija konkreta.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi m'huwiex trasparenti illi hemm persuna fl-istess Sotto Kumitat li għanda pjan ħolistiku personali.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi ħadd iehor li tefa l-proposta u hu qed isaqsi għax qed jinkwita li jekk dawn il persuni li jitfaw il proposta u ma jkunux fil kumitat ghaliex ihoss kull min jgħamel proposta għandu jkun fil- kumitat għaliex għandu jerfa ir-responsabblita` tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill ikun responsabbli u mhux is-Sotto kumitat għaliex il-Kunsill ikun qed jgħamel ix-xogħol.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li għalhekk kienet semmiet li l-persuni fil kumitat għandhom ikunu intizi f'ċertu affarijiet pero tajjeb li l-ewel naraw it-*terms of reference* u kulħadd jipproponi min jaħseb li jkun tajjeb li jkun fis sotto kumitat.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi bl-email ta Mario qed joħloq preċident għaliex qed isemmi nies mingħajr ma huma approvati mill Kunsill.

Is-Sindku qal illi membri ġew prezentati lil Kunsill fl-10 t`Awwissu u ħadd ma qal xejn. Kompla jgħid illi ma kien hemm irregolarita.

Sindku qal illi hu irrisponda x'batulu u qal illi ser naraw it-*terms of reference*.

Il-Kunsillier is-Sur Errol Cutajar qal illi fuq dan is-suġġett ser naraw it-*terms of reference* u niddiskutuwom darb'oħra pero hu ma jaqbilx li jkollok persuna li qeda fis-Sotto kumitat li għandu interess pekunjarju dirett fuq dak li qed jigi diskuss.

Sindku staqsa jekk il-Kunsilliera humiex lesti li jiltaqgħu qabel il-laqgħa tal-Kunsill biex ma naħlux il-ħin tal-laqgħa tal-Kunsill umbagħad niġu fil-laqgħa b'deiċizjoni finali.

Il-Kunsilliera qalu li ma jsibu l-ebda problema li jiltaqgħu qabel il-laqgħa.

Is-Sur Errol qal illi hu ma jħossx li s-Sindku jirrispondi l-email bil-kontenut illi qara ftit tal-ħin ilu għaliex għalkemm għandu dritt jibgħata f'ismu pero jaħseb li il-kontenut tal-ittra għandu jgħid illi il-kontenut tal-email tagħhom ġie innutat u ser ikun hemm proposta ta' *terms of reference* u ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss u rigward l-individwu li jgħamel parti mis-Sotto Kumitat li mar jiltaqa mall-Għaqda anke jekk il-Kunsill qabel li ma jsirux aktar laqgħat, iħoss illi l-Kunsill għandu jieħu pozizzjoni għalkemm ma tistax izommu milli jiltaqa, l-Kunsill għandu jgħid pubblikament illi hu m'għandux x'jaqsam u mhux qiegħed wara l-laqgħat li saru.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi anke hu kellu laqgħa mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda sabiex jiddiskuti il-byelaw u ma jħossx li għamel xejn ħazin b'daqshekk.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sindku li l-bye law ma tistax tinbidel issa għaliex dik ħadet proċess ta' madwar sena.

20.3.7 **<u>Trenching works fi Triq ta' Rumi :</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandna komunikazzjoni minn resident fejn qed jgħid illi sofra xi danni minn xogħol li sar min kuntratturi tal-WSC u aħna għandna ninfurmawh illi dan għandu jfittex lilhom anke jekk fl-email qed jgħid illi ħadd ma sewwa l-ħsarat tiegħu l-Kunsill m'għandux x'jaqsam ma dawn il-ħsarat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jissuġerixxi li l-Kunsill jagħmel press conference fuq in-nuqqasijiet kollha li hawn fil-Lokal għaliex mhux sew li l-Kunsill ma jiddefendix lir-residenti. Il bye pass l-antika ilu xahar mitluq ix-xogħol u hemm gandott li ilu miftuħ għal zmien twil.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dik l-area ma tgħamilx parti minn Marsaskala u hu tkellem mal-Perit u qaltlu li x-xogħol miexi.

Is-Sindku qal illi dan il-kuntrattur tal-WSC għandu ħafna xogħolijiet għaddejien.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi allura m'għandux jibda xogħol ġdid qabel ma jitlesta dak li hemm.

Is-Sindku qal illi fi zmien il-Milied ġie infurmat illi riedu jaqilgħu Triq tal-Gardiel u hu ma ħallijhomx pero ma sab l-ebda għajnuna min naħa tal-Kunsilliera ħlief il-Kunsillier is-Sur John Baptist anke jekk hu infurmhom bis-sitwazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi waqat karozza fil-gandott fi Triq La Sengle.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk għandha xi ħsarat għandhom jibatu rapport lil Infrastructure Malta.

20.3.8 **<u>Bellavista (35/0075/12/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi rcivejna ilment fejn Triq il-Qrempuc u Triq Salvu Buhagiar għandha issir one way.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fil prezent jekk dawn it toroq ma jinfethux ma jistgħux isiru one way.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi li nistghu nghamlu hu nagħmlu pressjoni ma TM sabiex isir ix xoghol sabiex jinfethu dawn it-toroq.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tajjeb nghidulhom li issir *traffic management* f'dik l-*area*.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fi Triq il-Qrempuc hemm siġra protetta li għandha titneħħa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi fi Triq San Ġwakkin mill-kantuniera ta' Triq il-Busbies sa ħdejn il-kazin tal-labour ikun hemm karozzi ipparkjati u zewġ karozzi ma jgħaddux bħalissa għaliex il-karozzi kollha qed jgħaddu min ħdejn il-kazin tal-banda u allura missna nħallu li tal-linja tghaddi min ħdejn il-kazin u l-karozzi l-ohra jgħaddu min ħdejn l-*electrician*.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi nistgħu ngħamlu tabelli pero x-xogħol ma fadallux ħafna biex jitlesta.

20.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

20.5 **Rapporti:**

20.5.1 **Rapport ta' kull kwart Ottubru-Diċembru 2020:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech spjega ir-rapport ta' kull kwart.

***S-Sindku ppropona r-rapport tal-Kull kwart minn Ottubru sa Diċembru 2020 u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjonijiet.***

20.6 **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

20.7 **Korrispondenza:**

20.7.1 **Proposta ta' Drive in cinema fi Triq id-Daħla ta' San Tumas PA08833/20 (35/0021/21/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill Kunsill illi l-Kunsill daħħal l-objection tiegħu u irriserva d-dritt li jagħti aktar kummenti l-quddiem anke wara li tagħlaq id-data tal-objection, hu infurmat ukoll illi hemm ilmenti anke minn NGO's rigward din il-PA għaliex din hija art verġni u tinsab viċin it-Torri Mamo fejn din tagħmila *historical sensitive* u *agricultural sensitive.*

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi tajjeb illi tfajna l-objection tagħna pero tajjeb li nqabbdu l-Perit tal-Kunsill sabiex ikun jista jippreparalna is-submissions tekniċi in line mal *agricultrual policies* tal-Awtorita` tal-ippjanar tal-2014 fejn zgur mhux ser tippermetti zvilupp bħal dan fuq art agrikola.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi taqbel ma Dr Errol u għandna ċans saFrar 2021 u anke ngħidu li ser ikun hemm impatt fuq it-traffiku fuq l-area.

20.7.2 **<u>Xogħol mill-kuntrattur fuq il-bini ta' l-Uffiċini tal-Kunsill (35/4344/20/O):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi hu bagħat email lill Kuntrattur li qed jibni l-uffiċini tal-Kunsill sabiex iwissih biex izomm mad-deadlines.

20.7.3 **<u>Project Progress Report Ġnien Sant Anna (35/4276/20/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi l-Kunsill kien rebaħ fondi mill-EU sabiex isir tisbiħ ta' Ġnien Sant'Anna pero kien sar downsizing tal-proġet għaliex meta kona irbaħna l fondi xi sentejn ilu ma stajnix inwettqu l-affarijiet kollha li kien hemm fih għaliex minħabba l-bini tal-Kunsill kien hemm il-periklu li nkissru l-affarijiet li nkunu għamilna għalhekk hu xtaq jinforma l-Kunsill li qegħdin fil-fazi ta preparazzjoni tat-tender fejn ser ikun hemm biss bankijiet ġodda litter bins u railing tal-injam mas-soft areas.

20.7.4 **<u>Performance Bonuses tal-ħaddiema u s-Segretarju Ezekuttiv għas-sena 2020:</u>**

Il-Kunsill qabel illi jingħata performance bonus lill-iskrivani tal-Kunsill kif ukoll lis-Segretarju Ezekuttiv fil-massimu tal-perċentaġġ irrispettivament.

20.8 **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

20.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pagamenti li daħlu tard sabiex jitħalsu:

Animal Kingdom – Neutering of cats – Invoice No 4 - €1087.35
Ms Doreen Mintoff – Evaluator re tenders – Invoice 20-058 –€ 955.80

20.8.2 Is-Segretarju Ezekuttiv fuq il-kont tal-patching il-Kunsill kien għamel €40,000 f'patching izda l-kuntrattur ġie nieqes u membru mill-familja talabna biex il-kont ma jitħallasx alissa pero hu jħoss illi la darba l-kuntrattur meta kien ħaj kien tagħna l-kont fejn irid li jsir il-pagament isir il-pagament fih.

Dr Errol Cutajar qal illi f'sitwazzjoni normali l-pagament jista jidħol il-qorti pero f'din is-sitwazzjoni peress illi hu Kunsill irid jara jekk taħdimx bl-istess mod.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li la darba nħallsu dawn il-flus irridu nitolbuhom mill-Infrastructure Malta.

20.8.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament numru 2034 u 2035 ta' xix kienu l-konsultazzjonijit.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawn huma l-kuntratturi li qed jagħmlu il-health and safety fuq il bini tal-Kunsill u ilhom jgħamlu dan mill-bidu u jibgħatu r-report lill PA.

20.8.4 Il-Kunsillier is -Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament numru 2068 ''Drafting car park agreement'' u staqsa jekk dan il-kont huwix tal-car park tal-iskola l-ġdida.

Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma.

20.8.5 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsit fiez waslu is-CCTV's tal-BIS.

Sindku qal kull ma fadal permess min Infrastructure malta biex jitwaħħlu.

Il-Kunsillier is-Sur John B qal li qed jaħmel suġġeriment għaliex tlett xhur ilu zidna il kollezzjoni tal-iskart min darba għal jumej fil ġimgħa u sakemm jitwaħħlu l-cameras fi Triq il-Qaliet izzid kollezzjoni għal darba iva u darba le.

Is-Sindku qal illi ma zidnix frekwenza .

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'Ottubru jidirlu li zidna l-frekwenza.

Sindku qal illi ġili jitolbu jiġi jbattal qabel mill-ġurnata tas-soltu pero ma zdiditx il-frekwenza.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm bzonn li l-kollezzjoni issir aktar ta' spiss għaliex il-bring in sites qed jintlew malajr u staqsa x'tiġi tiswa lill-Kunsill.

Is-Sindku qal illi hu jixtieq li kieku jitbattlu kuljum pero ma tistax issir. Hu qal illi nistgħu nergħu nkellmu lis-Sur Michael Cohen biex forsi nzidu l-frekwenza.

20.8.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament 2070 u 2071 fuq il-bankijiet ta Triq ix-Xatt u staqsa jekk hux ser nitolbu rifuzjoni mill-MTA u anke fuq id-dawl tal-Milied jekk hux ser nitolbu lill Wasteserv u MTA għar-rifuzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li l-ewwel iħallas il-Kunsill umbagħad jiġu rifuzi.

20.9 **Mozzjonijiet**

20.9.1 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (#057-5/1/21):**

*''Jipproponi li ssir zebra crossing fi Triq il-Qaliet lejn Saviour flats. Ir-raġuni hija li persuna għandha zewġt itfal bi bzonnijiet speċjali u qed issibha diffiċli ħafna biex taqsam''.*

Kien hemm qbil unanimu li ssir u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal ser jara jekk hemmx provista tal-elettriku.

20.10 **Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 11 ta' Jannar 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |